TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru ~~147~~ 148.

KAZ NRU 221

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Is-Sur Joseph Grech

u

Messrs Image Systems Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 5 ta' Ottubru, 1983

Chairman: T Portughese B.A.(Hons), M.A.

B'ittra tad-19 ta' Ottubru, 1982, l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali, irrefera lil dan it-Tribunal Industrijali taht id-dispozizzjoni ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet imsemmija. Il-kaz jirrigwardja t-temm ta' l-impieg tas-Sur Joseph Grech minn ma l-Image Systems Ltd.

2. It-Tribunal zamm sitt seduti li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur Albert J Tabone, waqt li ghan-nom tal-kumpanija Image Systems Ltd deher il-General Manager, is-Sur Mark Attard.

3. Statement of Case

Ghall-appellant - F'isem l-appellant gie sottomess li hu gie impjegat bhala "Store Clerk" u "Copy Bureau Receptionist" fil-fergha ta' Image Systems Ltd ta' Birkirkara b'effett mill-15 ta' Settembru, 1980. Fil-4 ta' Novembru, 1981 l-impieg tieghu gie terminat minhabba 'redundancy' u fit-18 ta' Novembru, 1981 inharigl u certifikat ta' servizz tajjeb. Fil-21 ta' Dicembru, 1981 l-istess ditta impjegat lil Emanuel Zammit bhala 'Stock Controller'. Ghalkemm il-post kellu titolu differenti minn dak li kien jokkupa Grech, id-doveri tieghu kienu l-istess. It-tezi ta' Grech ghalhekk hi li l-impieg tieghu gie terminat fuq pretest ta' 'redundancy' ghax il-kumpanija impjegat lil haddiehor fi zmien ftit gimghat. Jekk post jinbidillu biss it-titolu minghajr ma jinbidlulu wkoll id-doveri, dan irid jitqies bhala li baqa' l-istess post. Ghalhekk it-temm ta' l-impieg lill Grech jammonta ghal tkeccija minghajr ebda raguni.

.../2

Ghal Image Systems Ltd - gie sottomess lit-Tribunal li s-servizzi ta' Grech bhala Copy Bureau Operator ma baqghux mehtiega ghax il-fergha ta' Birkirkara ma tatx ir-rizultati mixtieqa. Grech ma kienx anqas kwalifikat jew kapaci li jisservissja attrezzaturi ta' Rank Xerox. Grech ma kien juri ebda potenzjal li jista' jinghata xoghol aktar impenjattiv milli kellu qabel. Il-kumpanija hasset li agixxiet b'mod ragjonevoli , li Grech ma tkeccíex u li t-talbiet kollha ta' l-appellant huma bla bazi. Il-kumpanija sostniet li Emanuel Zammit inghata l-post ta' Stock Controller, ghaliex ghandu kwalifiki tajba u esperjenza f'xoghol simili. Xi whud mid-doveri li nghataw lil Zammit jixbhu lil dawk li kien jaghmel Grech, izda l-funzjoni ta' Stock Controller hu xoghol amministrattiv ta' livell gholi.

4. Dokumenti Sottomessi

i. Ittra ta' impieg lil Joseph Grech
ii. Ittra li gharrfet lil Grech b'redundancy
iii. Certifikat ta' servizz
iv. Trading Account tal-Fergha ta' Birkirkara
v. Fotokopji dwar reklami ta' Image Systems
vi. Certifikati akkademici ta' Emanuel Zammit
vii. Ittra ta' hatra lil Emanuel Zammit
viii. Ittra ta' awtorizzazzjoni biex is-Sur Mark Attard jidher f'isem Image Systems Ltd
ix. Dikjarazzjoni minn Joseph Grech li m'ghandux claims ohra kontra l-Kumpanija.
x. Ittra ta' ezortazzjoni dixxiplinarja minghand il-General Manager Mark Attard lil Grech
xi. Kopja ta' sejha ghal applikazzjonijiet ghal Stock Controller
xii. Kopji tas-sentenzi tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati u ta' l-appell.

5. Instemghu dawn ix-xhieda

A. Ghall-appellant:

Is-Sur J Chetcuti - Labour Office Inspector
Is-Sur P Saliba - Labour Officer Administrative Assistant
Is-Sur J Grech - Missier l-appellant

Is-Sur R Laurenti - ex General Manager Image Systems Ltd
Is-Sur J Grech - l-appellant
Is-Sur Frank Meilaq - ex Technical Manager

B. Ghall-Kumpanija:
Is-Sur Mark Attard - General Manager
Is-Sur L Borg - Technical Manager

6. Xhieda fil-Qosor

Is-Sur J Chetcuti - li hu Labour Officer, xehed li x-xoghol tieghu hu li jara l-"Conditions of Employment (Regulation) Act hi obduta. Dwar il-kaz tar-redundancy ta' Joseph Grech, is-Sur Chetcuti qal li hu kien ezamina x-xoghol li nghata lis-Sur Emanuel Zammit bhala Stock Controller. Zammit qallu li hu kien qed jiehu hsieb ta' l-istores u l-paperwork rilevanti. Zammit qallu wkoll li xogholu hu li jikkoordina l-hidma bejn it-teknici u fl-ahharnett jopera l-magni ta' fotokopji ghall-klijenti li jmorru biex jaghmlu l-kopji. Is-Sur Chetcuti stqarr li fil-fehma tieghu x-xoghol li kien jaghmel Grech u dak li beda jaghmel warajh Zammit, qieshom li huma l-istess.

Is-Sur Peter Saliba - li jokkupa l-kariga ta' Administarative Assistant fid-Dipartiment tax-Xoghol, xehed li kien gharraf lis-Sur Mark Attard, General Manager ta' Image Systems Ltd., li jekk it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' Joseph Grech kienet redundancy, il-ligi tghid li ma tistax iddahhal impjegat iehor qabel sena, fl-istess kariga.

Dwar Joseph Grech, is-Sur Saliba xehed li l-investigazzjoni maghmula mid-Dipartiment tax-Xoghol, stabbiliet li fis-sustanza, il-maggur parti tax-xoghol li kellhom Grech u Zammit, kienu simili, u meta ghamlu l-inspection ikkonkludew li x-xoghol kien simili, bhall-photocopying, telefonati, cash u dmirijiet normali.

Is-Sur Joseph Grech - missier l-appellant stqarr li l-General Manager, is-Sur Attard, kien accertah li ibnu ma kellu xejn hazin u baghtu l-barra ghar-raguni li x-xoghol kien naqas u s-salarju tieghu ma juggistifikax li jibqa' impjegat. Dwar l-ittra li s-Sur Attard ta lill-appellant biex jiffirma meta ntemm l-impieg, is-Sur Grech qal li hu ma kienx ha gost li ibnu ffirmaha.

.../4

Is-Sur Robert Laurenti - ex General Manager, iddeskriva lil Joseph Grech bhala average worker, u li bl-istess medja kien iwettaq id-dmirijiet li tah, mhux brillanti biss mhux hazin. Huwa zied ighid li ma kellux ghalfejn jiddixxiplinah, hlief li forsi spjegalu d-dmirijiet li kellu jwettaq. Wara li l-fergha ta' Birkirkara ma tatx ir-rizultati mixtieqa, Grech kien inghata xoghol alternattiv biex izomm ir-records ta' l-istocks, spare parts u x'johrog.

Is-Sur Joseph Grech - l-appellant, fisser fid-dettal id-dmirijiet li kien iwettaq; qal li kien jircievi s-service calls tal-hsarat tal-magni; kien jiehu t-taghrif dwar x'tip ta' hsara ghandha l-magna; imbaghad kien igharraf lit-teknici, jinfurmahom x'hin dahlet il-call, u gieli kkuntattjahom f'post iehor biex ikunu jistghu jmorru minn fejn waslet il-call. Kien jaghmel ukoll il-fotokopji u jiehu l-hlas dovut. Dwar l-istores, kienu jmorru t-technicians, ighidulu x'ghandhom bzonn u wara jnaqqas mill-istock, fosthom l-ispare parts. Is-Sur Grech semma' wkoll li darba s-Sur Attard kien tah karta u qallu biex jahseb hu u jara kienx hemm bzonn li jigu ordnati affarijiet mehtiega. Fil-fehma tieghu, kien jaghmel xoghol ta' Store Keeper. Meta l-livelli ta' l-istocks kienu jonqsu, gieli kien ighid lit-Technical Manager. Kien jara x'dahal meta jaslu l-containers, johroghom fl-istock cards u jiccekkja kollox. Kien jiccekkja l-invoice mal-kontenut tat-trailer. Darba minn jeddu kien qal lis-Sur Attard biex jekk irid jibda jitghallem xi haga gdida, izda hallieh bla risposta.

Dwar l-ittra f'forma ta' nota dixxiplinarja, Grech qal li s-Sur Attard kien qallu li kien qed jahdem tajjeb u jista' jinsiha. Barra minn hekk hu qatt ma kellu twissija li mhux jaghmel id-dmirijiet tieghu. Grech qal li hass il-htiega li javvanza teknikament ghax ix-xengha kienet toghgbu.

Is-Sur Mark Attard - fil-kapacita' tieghu ta' General Manager ma Image Systems Ltd, tkellem dwar il-potenzjal ta' Grech fix-xoghol tieghu u stqarr li ghalhekk wera inizjattiva, ma kellux il-livell tekniku mehtieg biex ikun jista' javvanza fil-karriera tieghu ghax il-kumpanija ghandha esigenzi teknici kbar hafna. Is-Sur Attard semma' d-decizjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija li jimpjegaw lill xi hadd biex jikkontrolla l-istocks. Huwa zied ighid li kien kiteb li Grech kellu attitudni u potenzjal limitati hafna, u l-anqas kapacita' ma kellu li jaghmilha ta' assistent.

.../5

Is-Sur Emanuel Zammit - impjegat ma Image Systems Ltd xehed li kellu esperjenza siewja meta hadem ta' Store/Security Officer u kellu responsabilita' kbira ghaliex kien hemm eluf ta' liri fl-istores. Huwa ddeskriva d-dmirijiet tieghu fl-impieg ma Image Systems Ltd bhala verji u importanti, xoghol impenjattiv li seta' jaghmlu bis-sahha tal-kwalifikazzjonijiet akkademici u ta' l-esperjenza diretta li kellu qabel. B'hekk seta' jaqdi l-funzjoni ta' Stock Controller. Is-Sur Zammit semma' d-dmirijiet generali tieghu, u flimkien mal-kontroll tal-movimenti fl-istores, irrefera ghax-xoghol li jaghmel meta jiehu l-fotokopji; jiehu wkoll il-part number xi jkunu jridu t-technicians, igib l-ispare part in kwistjoni mill-istore u jzomm ir-records. Saru ghadd ta' domandi mic-Chairman tat-Tribunal biex jigu definiti u elenkati d-dmirijiet normali li Zammit assuma wara li ntemm l-impieg ta' Joseph Grech.

Is-Sur Frank Meilaq - ex Technical Manager ma Image Systems Ltd, xehed li dam impjegat sentejn u disa' xhur, fil-fergha ta' Birkirkara, kien responsabbli ghat-technicians u l-istaff kollu. Huwa semma' d-dmirijiet li kien jaqdi Joe Grech, fosthom is-service calls, jaghmel fotokopji, jiehu hsieb il-warehouse, iqieghed il-parts f'posthom u jaghmel stock check, imbaghad jiehu hsieb ilesti l-card u jimliha. Kien ukoll responsabbli ghar-recording tal-magni u jirrekordja kemm hargu kopji hziena; kien jiehu hsieb u jimla l-bin cards u stock cards. Is-Sur Meilaq stqarr li Grech kellu potenzjal ikompli javvanza u jaqdi dmirijiet aktar impenjattivi fil-linja tieghu.

Is-Sur Louis Borg - Technical Manager ma Image Systems Ltd, xehed li wiehed ma tantx seta' jserrah mohhu fuq Joe Grech ghax kien tip ta' haddiem li trid tara sew kienx ikun wettaq ordni li nghata. Dwar Emanuel Zammit, iqisu bhala impjegat ta' livell u hafna ahjar minn Grech. Dwar fotokopji, huwa qal li kulhadd fil-kumpanija gieli jaqdi lill-klijenti u jaghmlulhom fotokopji. Illum huwa l-istock controller biss li hu responsabbli ghall istore u hadd ma jista' jidhom minghajhu. Grech ma kellux il-potenzjal li jkun Stock Controller ghax fondamentalment kellu difett kbir li ma tistax tor-bot fuqu u ma kellux kwalifiki ghal dan ix-xoghol differenti.

7. Sottomissjonijiet Finali (fil-qosor)

Is-Sur A J Tabone f'isem l-appellant Joseph Grech sahaq fuq it-tezi fondamentali tieghu li Grech qatt ma gie ddixxiplinat, qatt ma gie mghallem, u li t-temm ta' impieg ma kien xejn hlief tkeccija moghtija l-libsa ta' redundancy. Joseph Grech temm l-impieg fl-4 ta' Novembru, 1981 ghaliex inghad li kien redundant; il-fergha ta' Birkirkara ghalqet ghall-habta ta' l-ahhar gimgha ta' Gunju, 1983. Mhux veru li l-appellant kien haddiem ta' kif gie gie. Il-kaz hu bbazat fuq il-kontroversja dwar jekk ir-redundancy kinitx pretest jew verita'. Id-difiza semmiet is-sinifikat tad-dati, dik ta' l-4 ta' Novembru, 1981, u mbaghad fl-10 u t-12 ta' Novembru, 1981 deher avviz fit-Times jistieden applikazzjonijiet ghall-post ta' Storekeeper, mhux Stock Controller, ghal mad-ditta Image Systems Ltd. L-ufficjali tad-dipartiment tax-xoghol kienu tal-fehma li d-doveri ta' Grech u Zammit kienu l-istess jew kwazi fil-parti kbira. Barra minn hekk, l-ispecjalita' ta' Zammit bhala kwalifikat bhala Stock Controller, ma hargitx. Id-dokumenti sottomess mill-kumpanija dwar id-doveri ta' Stock Controller, huma definizzjoni ideali izda mhumiex id-doveri mwettqa minn Zammit. L-appellant staqsa ghaliex gie deciz li Grech jigi dikjarat redundant u li fil-pront tohrog sejha ghal applikazzjonijiet ghal post battal, imma b'isem u dmirijiet li jaghtuh xejra differenti. It-twegiba tidher fl-istqarrijiet tas-Sinjuri Mark Attard u Louis Borg li fil-fehma taghhom Grech ma kienx jaf jahdem, mhux biss imma li l-anqas kien kapaci jigi mghallem. In vista tad-dikjarazzjoni tal-Kumpanija li Grech m'ghandux jerga' jinghata lura l-impieg, l-appellant irtira t-talba tieghu lit-Tribunal biex jinghata lura l-impieg, izda xtaq igharraf lit-Tribunal li ghadu bla xoghol. L-appellant ghalhekk talab kumpens xieraq li jaghmillu tajjeb ghad-danni kbar li sofra. Id-difiza pprezentat ukoll skeda komparattiva tad-doveri ta' Joseph Grech u Emanuel Zammit.

Is-Sur Mark Attard f'isem Image Systems Ltd zviluppa t-tezi essenzjali li Grech kien gie impjegat bhala parti minn pjan ta' espansjoni li falla. Il-Bord tad-Diretturi kien ixxokkja ruhu bil-figura tal-konsum ta' stock ghas-sena li ghalqet fit-30 ta' Gunju, 1981 u ddecieda li jdahhal Stock Controller. Il-Kumpanija sahqet

fuq il-kuncett taghha li l-impieg ewlieni ta' Grech bhala Copy Bureau Operator intemm fuq redundancy. Grech ma kellu ebda kwalifiki waqt li min gie impjegat bhala Stock Controller kellu kwalifiki akkademici tajbin hafna u esperjenza precedenti fl-istocks u sigurta' ma kumpanija ta' reputazzjoni. Il-performance precedenti ta' Grech ma offrietx anqas kontribut biex jinghata orizzonti godda mal-Kumapnija, u ghalhekk ma setax jerga' jigi impjegat mill-gdid fil-post mahluq. Hu nnifsu ma qiesx ruhu addattat u ma applikax ghall-post ta' store-keeper li dwaru deher avviz. Jekk il-Kumpanija titlef dan il-kaz, tkun qalghet daqqa fuq wiccha wara li hadmet biex tibni mill-gdid il-business taghha minn wiehed b'telf ghal qliegh. Kien ikun relattivament facli li tghatti tkeccija, izda ma sar ebda sforz.

8. <u>Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali</u>

Il-kwadru specifiku ta' dan il-kaz hu ta' kontroversja jew dilemma industrijali li huma bbazati fuq il-mistoqsija fundamentali ta' x'tip ta' temm ta' impieg kien dan: ta' redundancy awtentika u klassika; jew ta' espedjent, pretest,prezuppost jew skuza biex jigi eliminat impjegat li kien ikkunsidrat mhux idoneju biex jaqdi dmirijiet partikolari. Nuturalment, l-analizi tat-Tribunal tigi ddeterminata esklussivament mix-xhieda u d-dikjarazzjonijiet taghhom taht gurament.

Il-partijiet kellhom funzjoni djametrikalment opposta, izda sostanzjalment il-pozizzjonijiet konfliggenti, hargu cari daqs il-kristall. Il-qofol tax-xhieda ghandha titqies did ta' Joseph Grech, l-appellant, u ta' Emanuel Zammit li dahal bhala Stock Controller. In-tnejn kellhom l-objettiv preciz li jiddefinixxu l-funzjonijiet taghhom kif inhuma skond l-isem fil-kuntratt tax-xoghol, fil-kaz ta' Grech bhala Copy Bureau Operator, fil-kaz ta' Zammit ghall-funzjonijiet ta' Stock Controller. Ix-xhieda l-ohra, l-aktar dik ta' Laurenti u Meilaq fuq naha, u dik ta' Borg u Attard fuq in-naha l-ohra, kompliet izzid il-kumplessita' qawwija tal-kaz minhabba li gew zviluppati zewg tezijiet kompletament lampanti meta wiehed jikkunsidrahom b'mod izolat fil-kuntest specifiku taghhom.

.../8

Punt essenzjali jibqa' jekk Zammit wettaqx verament il-funzjoni ta' Stock Controller ghax irrizulta li baqa' jaghmel ghadd ta' dmirijiet li fil-fatt kien jaghmel qablu Grech ghalkemm kien impjegat bhala Copy Operator. Il-kumpanija zviluppat l-argumenti taghha fuq kuncetti idealment validi ghax jirriflettu l-preokkupazzjoni ta' enti kummercjali l-aktar meta jkun qabad it-triq perikoluza tat-telf u tad-disfatta.

It-Tribunal pero' jqis dan il-kaz bhala wiehed essenzjalment ta' "borderline", ghaliex ix-xhieda sottomessa stabbiliet pozizzjonijiet konfliggenti ghal xulxin. Jibqghu jippersistu hafna dubji dwar kemm kienet valida l-azzjoni ta' redundancy. Izda dawn id-dubji huma l-origini wkoll ta' elaborazzjoni min-naha opposta ghal nuqqas ta' certezza dwar kemm Grech seta' jkun kapaci professjonalment biex jaqdi dmirijiet li fit-teorija kellhom ikunu differenti minn tieghu.

9. <u>AWARD</u>

M'hemmx dubbju li minkejja n-nuqqas ta' fatti konkreti li bihom it-Tribunal jista' jikkundanna apertament lill-Kumpanija, azzjoni li tkun ingusta f'dawn ic-cirkostanzi partikulari, l-appellant sofra danni kbar fil-karriera, danni morali, psikologici u finanzjarji.

It-Tribunal qies it-talbiet ta' l-appellant ghal kumpens qawwi. Qieghed hawnhekk jiddeciedi, li minhabba t-tbatija li sofra l-appellant u c-cirkostanzi indubbji ta' kaz 'borderline', ghandu jithallas mill-Kumpanija, is-somma globali ta' elf lira, sa l-ewwel ta' Novembru li gej, bhala full and final settlement tal-kaz.

B'hekk it-Tribunal itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

T. PORTUGHESE
Chairman

Edw. F. Abela
A/Segretarju

5 ta' Ottubru, 1983

ja